MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 120/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Maria Dolores Spiteri u Daniela Bartolo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm273.96c (mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 163, Triq Sant' Anglu, Zejtun, ghall-perjodu 10 ta' Mejju, 1999 sat-18 ta' Settembru, 2000 skond il-kont numru 1000036247.

Ra n-nota tal-Korporazzjoni attrici pprezentata fit-2 t'April, 2004 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza kontra

Maria Dolores Spiteri, izda zammet ferm it-talba kontra Daniela Bartolo.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Korporazzjoni attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta Daniela Bartolo thallas is-somma ta' Lm273.96c (mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------